

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 238/2020

tat-30 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2040]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2202 tat-22 ta' Diċembru 2020 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u d-Dipendenzi tal-Kuruna fil-lista tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, taż-żoni jew tal-kompartimenti awtorizzati għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2212 tat-22 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tar-Renju Unit u d-Dipendenza tal-Kuruna ta' Jersey ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizżera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 86 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008) fil-Parti 4.2:

— **32020 R 2202:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2202 tat-22 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 438, 28.12.2020, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 49 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE) fil-Parti 7.2:

— **32020 D 2212:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2212 tat-22 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 438, 28.12.2020, p. 44)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2202 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2212 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 438, 28.12.2020, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 438, 28.12.2020, p. 44.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Diċembru 2020.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Sabine MONAUNI

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.